

32007D0071

6.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 32/177

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**ta' l-20 ta' Diċembru 2006****li twaqqaf grupp xjentifiku ta' espert għat-titli ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti**

(2007/71/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tat-titli ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel¹ jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li isem għandu jissodisfa biex ikun irreġistrat fil-livell Komunitarju bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) jew titlu protett ta' oriġini
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel² jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti minn isem biex ikun irreġistrat u protett fil-livell Komunitarju bħala speċjalità tradizzjonali garantita (STG).
- (3) Bl-għan li jiġu solvuti ċerti problemi xjentifiċi u tekniċi komplessi li jistgħu jidhru waqt l-eżaminar tal-kundizzjonijiet li jippermettu r-reġistrazzjoni ta' tali jew tali titlu protett ta' oriġini, ta' indikazzjoni ġeografika protetta jew ta' speċjalità tradizzjonali garantita, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn li tirrikorri għall-kompetenzi ta' speċjalisti li jiltaqgħu fi ħdan grupp konsultattiv.
- (4) Il-grupp għandu jkun magħmul minn professjonisti bi kwalifiki għolja f'firxa wiesgħa ta' dixxiplini xjentifiċi u tekniċi, konnessi mal-qasam agrikolu u agro-alimentari, max-xjenzi umani jew mad-dritt tal-proprjetà intellettuali.

¹ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12

² ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.

- (5) Jeħieġ għalhekk li jitwaqqaf il-grupp xjentifiku ta' esperti għat-titli ta' oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, li jitfisser il-mandat tiegħu u li jiġu definiti l-istrutturi tiegħu.
- (6) Il-Kumitat xjentifiku tat-titli ta' oriġini, tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tal-attestazzjonijiet tal-ispeċifità mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/53/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992³ għandu jkun xolt,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Qed jitwaqqaf grupp xjentifiku ta' espert għat-titli ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-grupp".

Artikolu 2

Inkarigu

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp dwar kull kwistjoni relatata mal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tat-titli ta' oriġini, kif ukoll dwar l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel, b'mod partikolari:

- ir-rispett tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 b'isem partikolari li hu s-suġġett ta' talba ta' reġistrazzjoni, notevolment, il-konnessjoni mal-post jew l-oriġini ġeografika u/jew ir-reputazzjoni,
- ir-rispett tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 2, 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 permezz ta' isem partikolari li jkun is-suġġett ta' talba ta' reġistrazzjoni, notevolment, in-natura tradizzjonali u/jew speċifika tiegħu.
- in-natura ġenerika tal-isem,
- il-valutazzjoni tal-kriterji li jikkonċernaw il-kompetizzjoni ġusta fit-tranżazzjonijiet kummerċjali u r-risku ta' konfużjoni tal-konsumatur f'każ ta' kunflitt bejn it-titlu ta' oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika u t-titli ta' oriġini jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi diġà reġistrati, il-marki, l-ismijiet ta' varjetajiet veġetali u ta' razez ta' annimali, l-omonimi jew l-ismijiet tal-prodotti eżistenti legalment kummerċjalizzati.
- kull kwistjoni oħra, li tippreżenta interess partikolari fir-rigward tal-qasam tal-kompetenza tal-grupp.

Il-President tal-grupp jista' jindika lill-Kummissjoni l-okkażjoni meta hi għandha tikkonsulta l-grupp dwar kwistjoni speċifika.

³ ĠU L 13, 21.1.1993, p. 16 Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 97/656/KE (ĠU L 277, 10.10.1997, p. 30).

Il-Kummissjoni tista', f'każ ta' bżonn, titlob lill-grupp jadotta l-opinjoni tiegħu dwar kwistjoni partikolari f'limitu ta' żmien determinat.

Artikolu 3

Formazzjoni - Nomina

1. Il-membri tal-grupp huma nominati mill-Kummissjoni fost l-ispeċjalisti, li jkunu wiegħbu għal sejħa għal kandidatura għal dan l-għan, bi kwalifika għolja fid-diversi aspetti tekniċi u xjentifiċi konnessi mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 2, li kollettivament ikopru l-akbar firxa possibbli ta' dixxiplini xjentifiċi u tekniċi u, fir-rigward ta' dan il-kriterju, abbażi ta' tqassim ġeografiku li jirrifletti d-diversità tal-kwistjonijiet u tal-avviċinamenti xjentifiċi fil-Komunità.

2. Il-grupp għandu 11-il membru.

Il-kandidati li jitqiesu xierqa li jagħmlu parti mill-grupp, iżda li ma jkunux nominati, huma mistiedna li jidhru fuq lista ta' riżerva. Il-lista ta' riżerva tista' tintuża mill-Kummissjoni biex jiġu nominati kandidati li jieħdu post il-membri.

3. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- il-membri huma nominati f'kapacià personali u hu mistenni minnhom li jagħtu parir lill-Kummissjoni indipendentement minn kull influwenza estera. Huma ma jistgħu jiddelegaw il-kompetenzi tagħhom lill-membru ieħor jew lil terza persuna;
- il-membri huma nominati għal perjodu ta' tliet snin rinnovabbli. Madankollu, min-nomina msemmija fil-paragrafu 1, il-membri ma jistgħux iżommu l-kariga tagħhom għal aktar minn tliet mandati konsekuttivi. Huma jżommu l-kariga tagħhom sakemm jinstab sostitut jew sakemm jiġġedded il-mandat tagħhom;
- il-membri li ma għadhomx fil-pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ħidmiet tal-grupp, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u t-tieni punt ta' dan il-paragrafu jew tal-Artikolu 287 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jistgħu jkunu sostitwiti għall-perjodu taż-żmien li jkun fadallu l-mandat tagħhom;
- kull sena l-membri jagħmlu kemm dikjarazzjoni bil-miktub fejn jimpenjaw lilhom infushom li jaġixxu favur is-servizz b'interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas jew l-eżistenza ta' kull interess li tista' tkun ta' ħsara għall-indipendenza tagħhom;
- l-ismijiet tal-membri jiġu pubblikati fis-sajt tal-Internet tad-DĠ tal-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C. Il-ġbir, il-ġestjoni u l-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-membri jsiru b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali⁴.

⁴

ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

*Artikolu 4***Tħaddim**

1. Il-grupp jeleġġi fost il-membri tiegħu president u żewġ viċi-presidenti. L-elezzjoni sseħħ permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sotto-gruppi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi ta' mandat definit mill-grupp; huma jiġu xolti hekk kif iwettqu l-imsemmi mandat.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden lill-esperti jew l-osservaturi b'kompetenza speċifika f'suġġett fuq l-aġenda biex jipparteċipaw fil-ħidmiet tal-grupp jew tas-sotto-gruppi meta dan ikun utli u/jew neċessarju.

4. L-informazzjoni akkwistata fil-qafas tal-parteċipazzjoni tal-ħidmiet tal-grupp jew tas-sotto-gruppi ma tistax tkun imxandra meta l-Kummissjoni tiddikjara li din tkun marbuta ma' kwistjonijiet konfidenzjali.

Il-membri ma jistgħux jużaw għall-finijiet professjonali l-informazzjoni li jsiru jafu biha bħala membri tal-grupp.

5. Il-grupp u s-sotto-gruppi għandhom jiltaqqu normalment f'lokalitajiet fejn il-Kummissjoni u s-servizzi tagħha huma stabbiliti, skont il-modalitajiet u l-kalendarju ffixxati minnha. Ix-xogħol segretarjali hu assigurat mis-servizzi tal-Kummissjoni. Uffiċjali oħra kkonċernati tal-Kommissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat.

6. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni.

7. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jippubblikaw fuq l-Internet, bil-lingwa ta' oriġini tad-dokument kkonċernat, it-talbiet ta' opinjoni, l-aġenda, il-minuti u l-opinjoni adottati mill-grupp. Huma jistgħu wkoll jippubblikaw bl-istess kundizzjonijiet kull dokument ta' ħidma tal-grupp.

*Artikolu 5***Spejjeż tal-laqgħat**

L-ispejjeż tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni mħallsa mill-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu tal-attivitajiet tal-grupp huma rimborżati mill-Kummissjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan din tal-aħħar. Il-membri mhumex imħallsa tas-servizzi tagħhom.

L-ispejjeż ta' laqgħa huma rimborżati fil-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli allokat li s-servizzi kkonċernati fl-ambitu tal-proċedura annwali tal-allokkazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 6***Revoka**

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/53/KEE hi revokata.

Madankollu, il-kumitat imwaqqaf permezz ta' dik id-Deċiżjoni għandu jibqa' jiffunzjona sakemm il-Kummissjoni tgħarraf lill-membri tiegħu li l-grupp imwaqqaf b'din id-Deċiżjoni beda ħidmietu.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni